## REĊENSJONI

**SEHEM ĊKEJKEN U ŻEWĠ BUZZETTI OHRA.** — Ta' Dun Anton Xiberras. — Opri Missjunarji Pontifiċji, 1952. — Empire Press, Valletta.

Dawn it-tliet Buzzetti miktubin minn Dun Anton Xiberras ġew imxandrin minn fuq ir-*Rediffusion* minn membri ta' l-*Azzjoni Kattolika* ta' San Ġiljan dis-sena f'okkażjonijiet ta' *Jum il-Morda*, tal-*Gurnata Missjunarja* u tal-*Festa tas-Santa Infanzia*.

L-argumenti ta' dawn ix-xogħlijiet drammatiċi ċkejkna magħmulin għal fuq ir-*Radio* huma, tista' tgħid, kollha ibbażati fuq iċ-ċaħda tad-dinja u s-sakrifiċċji ta' membri tal-familja biex jagħtu ruħhom għax-xogħol tal-konversjoni ta' l-erwieħ qalb is-suwed ta' l-Indja u taċ-Ċina, kif ukoll għall-ġid tal-Gurnata Missjunarja, u fuq il-ġenerożità ta' qalb nisranija li b'wegħda tagħti ġidha għall-edukazzjoni ta' tfajjel imsejjaħ għas-saċerdozju u għall-missjoni. Bħala bċejjeċ teatrali għar-*radio* jistgħu igħaddu u għandhom il-preġju tagħhom, għal dik li hi propaganda, u wieħed jista' jagħder xi nuqqasijiet fit-teknika drammatika, l-iktar fid-djalogar u fid-diċitura li f'xi bnadi jitbiegħdu mix-xeħta naturali u letterarja. Ħabat tajjeb li r-*radio* jgħatti ħafna, l-iktar fejn l-azzjoni ma għandhiex dik l-unità ta' żmien u lok li tiħtieġ l-istess azzjoni b'att wieħed fuq il-Palk.

L-istampa ħarġet taħt l-Opri Missjunarji Pontifiċji, 1952, mit-tipi ta' l-Empire Press.

* * *

---

## VARIA ATQUE BREVIORA

*(Ikompli mill-faċċ. 31)*

*Ismijiet* ta' postijiet, ta' nies, ta' annimali u ta' pjanti li jibdew bil-klejma *bu-* (minn *abu*) :—

*Postijiet* : Buġibba; Busewdien; Budaq; Buleben; Bukana; Bubaqra; Bunaħħala; Bugħerwien. *Nies* : Buttiġieġ; Buħaġar; Busuttil; Buġeja. *Annimali* : Bumunqar; bufula; bużullieqa; bugħadam; buħarrat; buqrajq; buċaqq; buċaqċaq; budakkra; bugħajjat; buġiddem; bugħarwien; bukħajla; bulebbiet; bumellies; buxiħ; buliff; bumerin; bunittien; buqarn; buqarrieq; bugriż; buqrajq; buras; buqawar; busuf; buswejda; buwaħħal; bużaqq. *Pjanti* : Budebbus; bumnejħer; buqexrem; busieq.